MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Numru 1089/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Kyle Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kyle Schembri ta’ 16-il sena, bin missier mhux maghruf u Margaret nee’ Schembri, imwieled Pieta’ fis-07/06/1989 u residenti ‘Johncar Flts’, Flat 2, Triq il-Progress, B’Bugia (ID nru. 259089M) gie akkuzat talli:

Fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Settembru 2005 f’B’Bugia kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Peugeot 106 bin-nru. ta’ reg. BAG 159 ghad-dannu ta’ Julia Schembri minn B’Bugia liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-Lm1000, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Settembru, 2005 saq il-vettura tal-marka Peugeot 106 bin-nru. ta’ reg. BAG 159 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fil-professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku habat mal-vetturi tal-marka Peugeot 305 bin-nru. ta’ reg. FAA 473 kif ukoll Maruti 800 bin-nru. ta’ reg. FBM 803 w involontarjament ikkagunalhom hsarat li jammontaw ghal Lm314.40c u Lm188.74c ghad-dannu ta’ Mario Buhagiar minn Haz-Zabbar u Bianca Chircop minn B’Buga rispettivament;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u b’hekk ma kienx kopert b’polza t’assigurazzjoni;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata u perikoluza u b’velocita’ eccessiva.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz li ssib l-imputat hati, hija tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JF3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-ewwel akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ewwel akkuza li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-art. 31, 37 u 328(d) tal-Kap. 9, l-art. 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kap. 65 u it-Tieni Skeda tal-istess Kap.65, ir-Regolament 127 tal-Avviz Legali 128 ta' l-1994 u l-art. 3(1) u 3(2) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu ghall-ewwel akkuza tali akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u in kwantu ghall-akkuzi l-ohra kollha issib lill-imputat Kyle Schembri, fuq ammissjoni, hati ta' tali akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta' tenera tal-imputat, il-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Kyle Schembri ghall-piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputat Kyle Schembri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-imputat Kyle Schembri milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mid-data li l-imputat Kyle Schembri jkun eligibbli ghal licenzja tas-sewqan.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kyle Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------